LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI

## Raġunijiet Oħrajn biex ma jingħatawx Dokumenti Uffiċjali

L-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni (FOIA) jipprovdi eżenzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' ċirkostanzi fuq ċerti dokumenti uffiċjali. Dawn li ġejjin huma wħud minn dawn ir-raġunijiet:

### Disponibbli għall-pubbliku

Kwalunkwe dokument li huwa diġà disponibbli għall-pubbliku jew li se jiġi ppubblikat fi żmien tliet xhur ma jaqax taħt il-FOIA. Talbiet bħal dawn mhumiex aċċettati, u l-applikanti huma ggwidati kif meħtieġ.



### Devjazzjoni tar-riżorsi tal-awtorità pubblika

F'xi każijiet, l-awtorità tista' tirrifjuta talba li tiddevja r-riżorsi tagħha b'mod sostanzjali u mhux raġonevoli mill-operat tagħha. Dan ikun ifisser li l-awtorità pubblika jkollha twaqqaf xogħolha biex twieġeb it-talba tal-FOI. L-awtorità pubblika għandha d-dmir li tagħti parir lill-applikant biex jiddefinixxi mill-ġdid it-talba b'tali mod li jagħmilha aktar faċli li tiġi indirizzata mill-awtorità pubblika.

### Mhux miżmuma

Dokument jista' ma jinżammx mill-awtorità pubblika u t-talba tiġi miċħuda biss wara li jkun ġie aċċertat li d-dokument ma jkunx miżmum minn, jew marbut aktar mill-qrib mal-funzjonijiet ta' awtorità pubblika oħra.

### Talbiet frivoli jew vessatorji

Jekk talba titqies bħala frivola, vessatorja jew li l-informazzjoni mitluba tkun trivjali, l-awtorità tista' wkoll tiċħad din it-talba.



foicu@gov.mt

https://foi.gov.mt

LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI